MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 31 ta’ Awwissu 2019**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**AB**

Il-Qorti,

Rat li l-imputazzjonijiet migjuba kontra **AB** li giet imressqa quddiemha akkuzata talli b’diversi atti magħmulin minnha, ukoll jekk magħmula fi żminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-liġi, u li ġew magħmula b’riżoluzzjoni waħda.

1. Nhar id-9 ta’ Awwissu 2019 għall-ħabta tat-15:30hrs ġewwa Pepe Hair Dresser, Triq il-Kanun, Santa Venera; ikkommettiet serq ta’ kartiera u xi flus kontanti u xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li hu iktar minn (€232.94), liema serq sar għad-dannu ta’ Ruth Vella u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entità u/jew entitajiet oħra;

2. Nhar it-30 ta’ Awwissu 2019 għall-ħabta ta’ 12:09hrs ġewwa stabbiliment ‘New Me’ Triq is-Salib tal-Imrieħel B’Kara; ikkommettiet serq ta’ kartiera u xi flus kontanti u xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li hu iktar minn (€232.94), liema serq sar għad-dannu ta’ Anna Agius u/jew ta’ xi persuna/i u/jew ta’ xi entità u/jew entitajiet oħra;

3. Nhar id-29 ta’ Awwissu 2019, tard waranofsinhar ġewwa Sugar Coat, Triq il-Wied, Qormi; ikkommettiet serq ta’ kartiera u xi oġġetti oħra, liema serq

sar għad-dannu ta' Chirsty Compton u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

4. Nhar id-28 ta' Awwissu 2019 għall-ħabta tas-18:00hrs ġewwa Convenience Store, Triq il-Kbira San Ġużepp, St. Venera; ikkommettiet serq ta' prodotti ta' tabakk, liema serq sar għad-dannu ta' Andrew Attard u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

5. Nhar l-20 u l-21 ta' Awwissu 2019 għall-ħabta tas-18:00hrs ġewwa Convenience Store, Triq il-Kbira San Ġużepp, St. Venera; ikkommettiet serq ta' prodotti ta' tabakk, hu kkwalifikat bil-valur, li hu iktar minn (€232.94) liema serq sar għad-dannu ta' Andrew Attard u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

6. Nhar it-22 ta' Awwissu 2019, tard waranofsinhar ġewwa Julienne Hair Dresser; ikkommettiet serq ta' kartiera u xi oġġetti oħra, liema serq sar għad-dannu ta' Loreota Mercieca u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

7. Nhar id-29 ta' Settembru 2018 ġewwa Pepe Hair Dresser, Triq il-Kanun, Santa Venera; ikkommettiet serq ta' kartiera u xi flus kontanti u xi oġġetti oħra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, li hu iktar minn (€232.94), liema serq sar għad-dannu ta' Adelina Muscat u/jew ta' xi persuna/i u/jew ta' xi entità u/jew entitajiet oħra;

8. Nhar it-30 ta' Awwissu 2019, ghall-habta tas-13:00hrs, gewwa Sandy Studio, Qormi, ikkommettiet serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Rita Mifsud.

Semghet lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront taghha, liema ammissjoni giet rikonfermata wara li l-Qorti tatha zmien biex tikkonsidra l-istess ammissjoni u spjegatilha l-piena ghal kull reat addebitat lilha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-Prosekuzzjoni u lid-Difiza jitrattaw dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijijiet kollha dedotti fil-konfront taghha. Wara li l-Qorti semghet tali ammissjoni u rat id-dokumenti esebiti, hija sodisfatta li l-imputazzjonijiet gew ippruvati skont il-ligi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti hadet inkonsiderazzjoni l-ammissjoni bikrija tal-imputata, il-fedina penali taghha, li ghalkemm mhijiex wahda netta, lanqas hija wahda allarmanti, ic-cirkostanzi li taw lok ghal dan is-serq u wkoll il-volontà tal-

imputata li taghmel tajjeb ghall-hsara li garrbu d-derubati. Ghaldaqstant il-Qorti thoss illi l-piena ghandha tkun wahda mhux karcerarja izda ta' terminu ta' prigunerija sospiza. Madankollu il-Qorti thoss li l-imputata ghandha bzonn tigi supervizjonata minn ufficjal tal-Probation tul il-perjodu operattiv.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat artikolu 17, 18 267, 279 (a) tal-Kodici Kriminali, tiddikjara lill-imputata **AB** hatja tal-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront taghha u tikkundannaha sena (1) prigunerija li b'applikazzjoni ta' artikolu 28A (1) tal-Kodici Kriminali qieghda tigi sospiza ghal zmien tliet (3) snin mil-lum. In oltre, ai termini tal-artikolu 28H tal-Kodici Kriminali, l-Qorti qieghda tordna lill-imputata tirrifondi s-somma ta' hamsa u hamsin ewro (€55) lil Rita Mifsud, tliet mitt ewro (€300) lil Ruth Vella, mitejn ewro (€200) lil Anna Agius, hamsa u ghoxrin ewro (€25) lil Christine Compton, seba ewro u hamsin centezmu (€7.50) lil The Convenience Shop, mija u tletin ewro (€130) lil Loreota Mercieca u erbghin ewro (€40) lil Adelina Muscat u dan fi zmien sitt (6) xhur mil-lum.

In oltre, ai termini tal-artikolu 28G tal-Kodici Kriminali, il-Qorti qieghda wkoll tpoggi lil **AB** taht Ordni ta' Supervizjoni ghal zmien tliet (3) snin mil-lum u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28A (4) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk tikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien tliet (3) snin mil-lum, jekk hija ma tirrifondix is-somom hawn fuq indikati fiz-zmien stipulat u wkoll jekk ma toqghodx ghad-direttivi tal-Ufficjal Sorveljanti taghha.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur